**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- -vs -**
**Joseph Vella ta' 56 sena bin Gaetano u Rosa Anna nee Mallia li joqghod Serena Apt. Hotel, Triq il-Punici, Xlendi, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita' Nru 911445 (M)**

Illum 20 ta' Marzu 2002.

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat talli fis-7 ta' Novembru 2001 ghall-habta tat-3.30pm bhala sid jew persuna responsabbli mit-tmexxija tas-Serena Apt. Hotel, Xlendi, irrifjuta access jew b'xi mod fixkel lil Ludgard Gatt persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku milli jaghmel spezzjoni fl-imsemmija Apt. Hotel, ai termini ta' l-Artikoli 15 (1) (2) tal-lukandi u stabbilimenti li jipprovdu ikel Kap 197 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi;

Taqbel mad-difiza kwantu illi l-prosekuzzjoni naqset li ggib il-prova mehtiega biex turi illi Joseph Vella huwa sid jew persuna responsabbli mit-tmexxija tas-Serena Apt. Hotel u li ghalhekk agixxa f'din il-kwalita fl-allegat rejat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibux hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur